**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Familja**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ġimgħa 28, ta' Mejju, 2021**

**Rikors Ġuramentat numru:- 2/2012 BS**

**AA**

**vs**

**BB**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat fejn l-attur ippremetta:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fl-ewwel ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta u miż-żwieġ tagħhom kellhom tifla waħda li jisimha CC u li twieldet fit-tletin ta' Marzu tas-sena elfejn u tmienja (2008);

2. Illi l-ħajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti ġiet resa mpossibbli minħabba li ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment u minħabba li jeżistu l-elementi li trid il-liġi sabiex tiġi pronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti;

3. Illi r-rikorrenti jixtieq illi l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejniethom tiġi likwidata u li jiġu restitwiti lilu l-beni parafernali;

4. Illi r-rikorrenti ġie debitament awtorizzat sabiex jipproċedi bl-istanti permezz tad-digriet appositu ta' dina l-Onorabbli Qorti datat l-ewwel ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħdax li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala dokument 'A';

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat għar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

2. Tiffissa r-retta alimentari pagabbli li għandha tigi prestata mill-intimata lir-rikorrenti.

3. Tikkundanna lill-intimata tħallas tali retta alimentari kif iffissata minn din l-Onorabbli Qorti.

4. Tordna li l-kura u l-kustodja ta' bintu l-minuri CC tkun waħda konġunta u subordinarjament tiffissa l-modalitajiet tal-aċċess illi r-rikorrenti għandu jkollu għall-istess bintu l-minuri CC.

5. Tiddikjara illi l-partijiet iddekadew mid-drittijiet ta' eredita' reċiproċi.

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partjiet, tillikwida l-istess u tqassamha bejn il-partijiet u dan wara li jiġu dentifikat l-beni parafernali appartenenti lir-rikorrenti.

7. Tapplika kontra l-intimata nterament jew in parti d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu tmienja u erbgħin sa wieħed u ħamsin tal-Kodiċi Ċivili.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimata minn issa għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta fejn eċċepiet:

1. Illi hija taqbel li ż-żwieġ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment u għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejniethom. B'dan pero', li r-responsabbilta' għat-tkissir ta' dan iż-żwieġ għandha tiġi akkollata nterament lill-attur, għaliex kif sejjer jirriżulta dettaljatament fit-trattazzjoni tal-kawża, kien huwa, bl-imġieba rraġonevoli tiegħu u s-sevizzi u nġurji gravi li huwa kkommetta fil-konfront ta'martu, li ta lok għal dan it-tkisser taż-żwieġ.

2. Illi hija tissottometti bir-rispett ukoll, li l-kura u kustodja tal-bint minorenni għandha tiġi afdata unikament u esklussivament f'idejn l-esponenti, għaliex l-esperjenza li minnha għaddiet l-esponenti turi li l-attur mhuwiex persuna idonea sabiex ikollu l-kustodja ta' bintu u għaliex ukoll fil-passat kull meta l-esponenti kellha bżonn xi tip ta' għajnuna fil-kura u l-upbringing tal-bint, hija qatt ma sabitha mingħand żewgħa, u ta' dan sejra tippreżenta provi ddettaljati fil-mori tal-kawża.

3. Illi t-talba ta' l-attur għall-manteniment mingħand martu hija waħda manifestament infondata. L-attur jaħdem bħala full time teacher, u barra minn hekk iwettaq xogħol ta' lezzjonijiet tal-privat li jirrendulu paga li kważi kważi tiżboq il-paga tiegħu uffiċċjali - anke jekk fil-formola tat-taxxa fuq id-dħul tiegħu, l-attur ma jiddikjara xejn minn dan il-qliegħ. Il-fatt, minnu nnifsu, li l-attur għamel talba bħal din, ikompli jikkonferma dak li l-esponenti llum tgħalmet a spejjeż tagħha dwar l-iskop li żewġha kellu meta żżewwigha - ċioe' li huwa ra lill-esponenti bħala *meal ticket* għal ħajtu kollha. Ta' dan ukoll l-esponenti sejra tippreżenta provi ddettaljati fil-kors tal-ġbir tal-provi.

4. L-esponenti taqbel li l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti tiġi likwidata u diviża skont il-liġi, taqbel li kull parti għandha tirrinunzja għad-drittijiet ereditarji kollha fuq is-successjoni tal-parti l-oħra.

5. Illi dwar it-tifla minorenni, l-esponenti tħoss li l-manteniment li l-attur qed jgħaddi lilha mhuwiex wieħed adegwat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Kont meħud tad-dħul rispettiv tal-partijiet u tal-bżonnijiet tat-tifla, l-esponenti temmen li retta alimentari ta' mitejn euro (200) fix-xahar hija waħda rriżorja u għall-kuntrarju, għandha tkun almenu d-doppju.

6. Issottomettiet illi:

   a. L-ewwel talba tal-attur għandha tintlaqa' b'dan li għandu jiġi ddikjarat li s-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija mputabbli għal tort u nuqqasijiet esklussivament tal-attur u mhux vice versa.

   b. It-tieni u t-tielet talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda.

   c. Ir-raba talba għandha tiġi miċħuda u minflok din l-Onorabbli Qorti għandha takkorda l-kura u l-kustodja tal-bint unikament lill-esponenti, kif ukoll tiffissa l-ħinijiet tal-aċċess favur il-missier u l-modalitajiet li bihom dak l-aċċess għandu jiġi eżerċitat.

   d. Din l-Onorabbli Qorti għandha fl-istess waqt tiffissa r-retta alimentarja li għandha titħallas mill-missier lill-omm fl-interess tal-bint minorenni, u tiffissa l-modalitajiet li bihom dik ir-retta alimentarja għandha tithallas mill-missier.

   e. Il-ħames u s-sitt talbiet għandhom jiġu milqugħa.

   f. Fid-dawl tal-verbal redatt fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2012 is-seba' talba għandha tiġi miċħuda.

7. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-rikors tal-attur datat 5 ta' Ottubru 2016 fejn wara li ppremetta li l-partijiet ilhom de facto separati għal aktar minn erba' (4) snin u illi l-partijiet waslu sabiex jiffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni bejniethom, talab lill-Qorti sabiex tikkonverti l-proċeduri minn dawk ta' separazzjoni għal dawk ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement tgħaddi sabiex tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet[1].

Rat is-sentenza mogħtija fis-16 ta' Novembru 2016 minn din il-Qorti kif dak inhar presjeduta, fejn wara li ddikjarat bhala sodisfatti l-kundizzjonijiet maħsuba fl-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, laqgħet it-talba tal-attur kif dedotta fir-rikors tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2016[2].

Rat id-dokumenti u l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-atti jirriżulta illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni tas-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) fl-atti tan-Nutar Dottor Valerie Said.

Illi l-partijiet ilhom ferm aktar minn erba' snin separati u ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li l-partijiet jirrikonċiljaw.

Illi bejn il-partijiet ma teżisti l-ebda pendenza u hlasijiet dovuti lil xulxin.

[1] A fol. 790, Vol. IV tal-process.
[2] A fol. 792 et seq, Vol. IV tal-process.

Jirriżulta għalhekk illi ġew soddisfatti l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex il-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet.

**Decide.**

Għaldaqstant, u għar-ragunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tilqa' t-talbiet ta' l-attur, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

L-ispejjeż ta' dan il-proċediment għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

Dorianne Cordina
Deputat Reġistratur